# Il-M.U.S.E.U.M. tas-Subien fis-Siġġiewi

IS-SOĊJU FRANCESCO SCHEMBRI
INTERVISTAT MINN
JOSEPH SCHEMBRI

***Qabel ma ġejtu fil-M.U.S.E.U.M. tal-lum, fejn kontu tiltaqgħu u tgħallmu lit-tfal?***
Il-M.U.S.E.U.M. infetaħ fit-3 ta' Mejju 1928, u bdejna niltaqgħu fid-dar nru. 6, sqaq nru. 1, Triq il-Knisja. Hemm bdejna bħala M.U.S.E.U.M., fejn konna ngħallmu lit-tfal u nagħmlu l-assenjatur ta' bejnietna.

***Kif kien bħala M.U.S.E.U.M.?***
Kienet dar sabiħa ħafna, intrata kbira u ftit għolja, kamra fuq kull naħa u bitħa ftit kbira, u żewġ kmamar fil-bitħa b'taraġ sabiħ minn ġewwa. Fuq hemm sala kbira li aħna konna għamilnieha kappella, u kamra wara s-sala. Il-kelliemi kien joqgħod fil-bieb tal-kappella biex jara lil dawk li hemm ġewwa l-kappella u fil-kamra.

***Meta kien li ħriġtu minn hemm biex ġejtu f'din id-dar?***
Aħna konna ġejna hawn f'din id-Dar, ftit wara li kien miet is-surmast Ġużeppi Agius, li kien ħalla d-Dar tiegħu lill-M.U.S.E.U.M. Fis-26 ta' Jannar 1937 miet is-Surmast Ġużeppi Agius. Fl-aħħar żmien ta' ħajtu kien jgħix waħdu ġo dar kbira, li dak iż-żmien kienet waħda mill-isbaħ djar li kien hawn fis-Siġġiewi, din kienet fi Triq il-Knisja l-Qadima. Fit-testment li kien għamel quddiem in-Nutar Salvu Borg Olivier, kien ħalla d-Dar tiegħu lis-Soċjetà biex fiha jgħallmu d-duttrina lit-tfal kollha Siġġiwin. Imbagħad meta ġiet f'idejn is-Soċjetà, is-soċji bdew imiddu idejhom u jirranġawha, u jadattaw il-kmamar u jlestuhom għat-tagħlim. Ftit xhur wara ħallejna d-dar ta' wara l-Knisja, u bdejna niltaqgħu fil-M.U.S.E.U.M. il-ġdid.

Imbagħad ftit snin wara ġiet il-gwerra fl-1940, u fuq talba ta' l-awtoritajiet il-M.U.S.E.U.M. il-ġdid ġie użat mis-suldati Maltin u Ingliżi bħala *Head Quarters*, u wara ftit li kienu telqu s-suldati, id-dar imtliet bir-rifuġjati. Aħna konna morna biex inkomplu t-tagħlim tad-duttrina ġewwa l-Oratorju tas-Sagra Familja. Qabel ma konna ħriġna mill-M.U.S.E.U.M. il-ġdid, seħibna is-Soċju Salvu Farrugia, billi warajna konna ħallejna l-Kurċifiss fil-kappella kien qalilhom: "Ibżgħulna għalih hafna ghax aħna ġbarna għalih bejnietna bis-sittiet(2mils)."

Ġewwa l-Oratorju ma domniex hemm ħafna, għax nhar il-Ġimgħa l-Kbira 11 ta' April 1941, ġiet bomba fuq l-Oratorju, u waqgħet parti minnu, fuq in-naħa ta' ġewwa, u kellna nitilqu minn hemm. Il-kappillan Dun Saver Mangion kien qalilna: "Morru fil-lok tal-Knisja," fejn hemm l-Azzjoni Kattolika. Imbagħad wara xi żmien konna akkwistajna remissa li kellu s-soċju Ġammari Mangion fi Triq il-Ġdida, ftit 'il ġewwa mill-Oratorju, kif ukoll dar żgħira li kellu Ġlormu Buhagiar (tas-silla) fejn is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù li kienet tikkonsisti kamra isfel, oħra fin-nofs, u l-oħra fuq; hemm ukoll konna nirranġaw kif nistgħu.

Ma' dawn il-postijiet konna nużaw ukoll iż-żewġ knejjes, dik ta' San Mark u l-oħra ta' Santa Margerita, kif ukoll ġieli fl-iskola ta' Fiefu. Imbagħad meta kienu telqu s-suldati kienu tawna somma flus biex aħna nirranġaw xi ħsarat illi kienu għamlulna; wara li spiċċat il-gwerra u r-rifuġjati telqu lejn pajjiżhom, erġajna morna lura fil-M.U.S.E.U.M. il-ġdid.

***X'affarijiet niżżiltu magħkom u li huma ta' min isemmihom għax għadhom jitgawdew sal-lum?***
Meta spiċċajna mill-MUSEUM ta' wara l-Knisja, magħna konna niżżilna xi affarijiet li kienu dawn: il-Kurċifiss, il-Bambin tal-Milied, il-Librerija, u diversi

kotba li kien hemm, u numru konsiderevoli ta' bankijiet, u l-Bandalora.

***Semmejtli l-Kurċifiss, u l-oġġetti l-oħra, x'taf tgħidli dwarhom?***

**Il-Kurċifiss** – Dan kien hadmu l-iskultur Għawdxi Wistin Camilleri. L-injam kien ħadmu Karmnu Bonnici, missier is-soċju Manwel Bonnici, li kien benefattur kbir tal-M.U.S.E.U.M. Kien ħadmilna wkoll l-artal li għandna fil-kappella.

**Il-Bambin tal-Milied** – Dan kien inħadem Lecce, u niftakarhom jgħidu li meta l-M.U.S.E.U.M. fetaħ fis-Siġġiewi, is-soċji ta' dak iż-żmien kienu saru jafu li l-Belt Valletta, hemm għall-bejgħ seba' bambini ta' Lecce. Kienu niżlu xi soċji l-belt u minn hemm xtraw bambin bil-prezz ta' 30 skud – żewġ liri u nofs (Lm2.50) li għal dak iż-żmien kienu jfissru 30 ġurnata xogħol.

L-ewwel Superjur kien Karmnu Bonnici magħruf minnha s-Siġġiwin bħala Karmnu tal-Mitħna. Dan kien jiġi spiss hawn is-Siġġiewi qabel it-Tieni Gwerra Dinjija (1939-45) biex jiġbor il-qamħ tal-bdiewa u jitħnu. Bħala l-ewwel inizjattiva tiegħu kienet li jqassmu fellus li kien iqum xi ftit soldi (milleżmi) lil xi familja. Meta dan il-fellus kien jikber kienu jagħtuh lura u kien jiswa skud (8ċ) jew żewg xelini (10ċ) B'hekk huma kienu straw il-Kurċifiss u l-Bambin tal-Milied.

**Il-Bankijiet** Dawn kienu nħadmu minn xi soċju ta' Ħaż-Żebbuġ, qabel ma nfetaħ il-M.U.S.E.U.M. Kienu ħadmu wkoll diversi mwejjed u siġġijiet li aħna konna niżżilna magħna.

**Il-Bandalora** – Din kienet qamet Lm24. Din baqgħet sħiħa kif kienet, ħadmitha omm it-tielet Superjur Francesco Cardona min Ħaż-Żebbuġ fis-sena 1935. Dan is-Superjur kien jiġi kull nhar ta' Sibt biex jgħaddi s-sistema tad-dawl elettriku bil-*casing*. Francesco Cardona kien is-Superjur mill-M.U.S.E.U.M. il-qadim għall-ġdid.

***X'oġġetti oħra reliġjużi u prezzjużi niżżiltu magħkom u li għadkom tgħożżu sal-lum?***

Magħna konna niżżilna wkoll, il-Via Sagra, l-inkwadri żgħar u kbar bħal San Ġwann Battista, San Vincenz Ferreri, San Pietru u San Pawl, l-istatwa ta' San Ġużepp u xi ħwejjeġ oħra.




*Il-Kurċifiss tal-Kappella*

***Kif kiber dan il-M.U.S.E.U.M. tal-lum minn meta dħaltu fih?***

Illum il-M.U.S.E.U.M. kiber ħafna, kemm fit-tfal u anke fil-bini. Fis-sena 1964 konna ħadna biċċa ġnien wara l-M.U.S.E.U.M., u dak iż-żmien kienu nbnew 4 kmamar isfel u kappella fuqhom.
Fis-sena 1983, rajna li l-M.U.S.E.U.M. reġa' beda jiċkien. Il-Bambin kien ipprovdielna din id-darba biċċa għalqa ftit kbira, li kienet tmiss minn wara mal-MUSEUM. Imbagħad kabbarna l-bitħa, bdejna tliet kmamar isfel, u fuq żewg kmamar oħra, grawnd kbir u garaxx, u kamra kbira għal logħob. Il-faċċata tal-grawnd tmiss ma' Triq Demnuq fuq wara.

***Minbarra t-tagħlim regolari tad-duttrina lit-tfal, x'tagħlim ieħor tagħtu, minn żmien għal żmien, lill-kbar matul is-sena?***

Il-MUSEUM tagħna jagħmel ukoll il-laqgħat ta' kull nhar ta' Ħadd bejn Ottubru u April. Sa ftit taż-żmien ilu kienu jsiru fil-MUSEUM, imma issa qegħdin isiru

fil-knisja ta' Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann Battista fil-pjazza. F'Settembru ta' kull sena nagħmlu "Ġimgħa ta' Tagħlim." Kull tieni Ħamis ta' kull xahar nagħmlu laqgħa għaż-żgħażagħ kollha Siġġiwin, minn 16-il sena 'l fuq.

*X'tifkiriet għandkom ta' Dun Ġorġ f'dan il-MUSEUM?*

Dun Ġorġ kien jiġi regolari fil-Qasam, bħal ma kien imur f'Oqsma oħra. Meta kien jiġi hawn 'il MUSEUM kien jgħid lis-Superjur, "Sup, aħsibli għal borża ħelu, imbagħad kien ibierku, u kien jagħtina tliet biċċiet ħelu kull wieħed, u kien jgħidilna li dan il-ħelu sa jagħtihulna biex ma nimirdux u biex nibqgħu b'saħħitna. kien jagħtina tliet biċċiet ħelu ad unur is-Santissima Trinità. Dejjem dan kien l-iskop tiegħu. Dun Ġorġ kien jagħmel il-laqgħa l-ewwel lit-tfal skulari. Fis-sajf il-laqgħa kienet issir fil-bitħa, imma fix-xitwa, il-laqgħa kienet issir fil-kappella.

Tifkira għażiża ta' Dun Ġorg hija l-istatwa żgħira ta' San Ġużepp (ritratt) li kien berikha hu stess. Din l-istatwa għadna ma nafux minn taħielna, kien ġabha wieħed tifel li kien ġejn lejn il-MUSEUM, u qalilna li kien taħielu wieħed raġel li ma kienx jaf min kien.



San Ġużepp

*X'tixtiequ aktar (a) mit-tfal u (b) mill-kbar jew mill-komunità tas-Siġġiewi?*

Nixtiequ li t-tfal jattendu iżjed u jikkooperaw magħna, u mill-ġenituri xejn ħlief li jibagħtu 'l uliedhom għad-duttrina. Mill-komunità generali kull appoġġ possibbli biex nistgħu mmexu aħjar il-programmi li ħallielna Dun Ġorġ.

F'isem il-qarrejja ta' IS-SIĠĠIEWI nirringrazzjak tat-tagħrif siewi u interessanti li tajtna.

Jalla 'l MUSEUM jibqa' jkun ta' barka u ġid spiritwali għall-komunità kollha, kif kien u għadu l-għan tal-fundatur tiegħu l-Beatu Ġorġ Preca.


# Ġita ma' l-Arċipriet

**INŻURU: COSTA BRAVA, ANDORRA, LLORET DE MAR, PORT AVENTURA, BARCELLONA U LOURDES**

**Mid-9 sas-16 ta' Lulju**

**BOOKING GĦAND L-ARĊIPRIET**